V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.9728 — Altice/OMERS/Allianz/Covage)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 347/10)

1. Fit-8 ta' Ottubru 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Altice France S.A. (Franza), ikkontrollata minn Altice Europe N.V. ("Altice"),

— OMERS Infrastructure European Holdings B.V. (in-Netherlands), ikkontrollata minn OMERS Administration Corporation ("OMERS"),

— Allianz Infrastructure Luxembourg II S.à r.l. (il-Lussemburgu), li tappartjeni għall-grupp Allianz ("Allianz"),

— Covage S.A.S. ("Covage", Franza), ikkontrollata bi sħab minn Cube Infrastructure u Partners Group.

Altice, OMERS u Allianz jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Covage kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija li għadha kemm inħolqot li tikkostitwixxi f'impriża bi sħab (joint venture, JV).

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Altice: attivitajiet ta' telekomunikazzjonijiet, kontenut, media, divertiment u reklamar. Fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet, Altice hija prinċipalment attiva fis-swieq bl-ingrossa u bl-imnut għat-telefonija fissa u mobbli għall-klijenti residenzjali u mhux residenzjali. Altice toffri wkoll, permezz tas-sussidjarja tagħha SFR FTTH (flimkien ma' Allianz u OMERS), l-implimentazzjoni, it-tħaddim, il-kummerċjalizzazzjoni, il-finanzjament u l-manutenzjoni tan-networks tal-fibra ottika fi Franza.

— OMERS: amministratur ta' fondi tal-pensjoni tal-impjegati muniċipali ta' Ontario (Ontario Municipal Employees Retirement System Primary Pension Plan),

— Allianz: grupp industrijali u tas-servizzi internazzjonali li jipprovdi assikurazzjoni u ġestjoni tal-assi għall-klijenti individwi u negozji;

— Covage: attivitajiet għat-tfassil, il-finanzjament, l-installazzjoni u t-tħaddim ta' networks ta' telekomunikazzjonijiet broadband fi Franza (prinċipalment il-fibra ottika) u l-kummerċjalizzazzjoni ta' servizzi ta' aċċess għall-internet esklużivament fis-swieq bl-ingrossa.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni Ewropea tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Dawn il-kummenti jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara id-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li dejjem tiġi speċifikata din ir-referenza:

M.9728 — Altice/OMERS/Allianz/Covage

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

Commission européenne
Direction générale de la concurrence
Greffe des concentrations
1049 Bruxelles
BELGIQUE